# Laqgħa edukattiva dwar l-isports għaż-żgħażagħ

● Il-Premier School of Football dan l-aħħar organizzat laqgħa edukattiva oħra għat-tfal kollha li jattendu l-iskola u għall-ġenituri tagħhom. Dan is-seminar informattiv, li għalih attendew numru sabiħ ta' ġenituri u tfal ittratta s-suġġett ta' "Sports Injuries" fuq iż-żgħażagħ, prevenzjoni u kura.

It-tabib David Attard, uffiċjal mediku tal-Malta Football Association kif ukoll espert ewlieni f'dan il-qasam kien il-mistieden speċjali għal din l-okkażjoni.

F'din il-laqgħa nteressanti, it-tabib Attard tkellem fuq is-suġġett fid-dettal fejn spjega d-differenzi li jeżistu bejn id-diversi forom ta' "injuries" kif ukoll wieġeb għal xi mistoqsijiet li dawk preżenti għamlu.

L-organizzaturi ta' l-iskola ħadu din l-opportunità biex jippreżentaw lit-tabib Attard b'tifkira ta' l-okkażjoni bħala ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tiegħu f'din il-laqgħa kif ukoll għax-xogħol siewi li huwa jagħmel b'tant dedikazzjoni.



Bħas-soltu dan is-seminar intemm bil-preżentazzjoni ta' ċertifikati lil dawk it-tfal li l-aktar għamlu progress fix-xhur ta' Frar u Marzu.